**KunsillLokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

18 **t' Awissu 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsilliera |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 19 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **19.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **19.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 19.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 18 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 19.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 18, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 18 ġew approvati mil-kunsillier Malcolm Gatt u ġew issekondti mill Kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **19.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 19.03.01 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li fit-23 ta' Lujlu s-sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sinj. Anna Spiteri rigward it-tneder tal-Proġet Greening fil-lokalita tal-Isla sabiex flimkien ma esperti jaraw liema pjanti addattati għall-lokal tal-Isla. Id-dokument qiegħed lest kemm jibda x-xogħol tat- tender u jsiru laqgħat ma Transport Malta rigward ċertu siġar għal lokalita tal-Isla. |
| 19.03.02 | Is-Sindku ikkomunka mal-kunsilliera preżenti dwar tindif ta' culvertis li jrid issir mill-kunsill lokali tal-Isla għalhekk ser issir kuntatt mas-Sur George Axisa u l-kunsill jiġbor kwotazzjonijiet oħra sabiex isir tindif tal-water culverts fix-xatt minħabba l-maltemp. |
| 19.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li hemm imejl dwar il-Mobility Week, fejnil-kunsill jista jipparteċipa għall żewġ kompetizzjonijiet, waħda ta ż21500 li jridu jintnefqu f'attivita iżda fl-opinjoni tas-sindku minhabba sitwazzjoni tal-Covid 19 ahjar ma napplikawx għa dinil-kompetizzjoni iżda napplikaw għal kokmpetizzjoni tal-Grant ta' €50,00 l-ewwel premju u t-tieni premju ta' €30,00 sabiex il-kunsill ikun jista jixtri vann biex jintuża għal anzjani jew jinxtraw roti sabiex ikolna aktar arja nadifa fil-lokalita'. |
| 19.03.04 | Is- Sindku informa lil kunsilliera li flimkien mas-segretarju eżekuttiv saret laqgħa mas-Sur Ivan Mifsud mil- MBL rigward cruise liner biex jorbot ma l-isla . Is-Sur Ivan għamel studju u riċerka fejn fil-lokalita' tal-Isla hemm |

| | |
|---|---|
| | potenzjal sabiex inġibu aktar turisti u tiġġenera aktar l-ekonomija billi l-cruise liners ikollhom l-għazla li jażlu ma liema naħa għandhom jorbtu l-cruise liner u mhux jorbtu man-naħa ta' Boiler Wharf f'każ ta' emerġenza għax ikun hemm over booking fil-port. Is-Sur Ivan ma jaqbilx li dan il-Whar jibqa' jisejjaħ Boiler Wharf għaliex ma tantx tati impressjoni tajba lit-turisti iżda għandu jiġi imsejjaħ Senglea Wharf. Is-segretarju Eżekuttiv preżentat fuq il-mejda il-ktejjeb li għamlet il-kumpanija MBL li jismgħu Senglea Trails fejn juru lit-turisti fejn għandhom imorru fil-lokalita tal-Isla, kemm postijiet storiċi, niċċeċ li jsibgħu, t-toroq għaliex huma imsemmija u restoranti u ħwienet li wieħed għandu jmur. Is-Sur Ivan għandu jagħmel appuntament mal-Kaptan David Bugeja mat-Transport Malta biex jekk il-kunsill jaqbel ma dan il-proponiment ikomplu jsir diskkusjonijiet u aktar tard issir laqgħa oħra mal-Onor Ian Borg. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta, sakemm Transport Malta tieħu ħsieb li ma jkunx hemm konġezzjoni ta' traffiku. |
| 19.03.05 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li ix-xogħol tal- Pjazza 4 ta' Settembru, il-wsc għandhom problema tal-pipijiet għaliex ma sabux 80mm u ser jużah tal-100mm biex jitkompla xogħol għaliex jekk ma jużawx dawn il-pajpijiet ix-xogħol għandhu sa nofs Settembru biex tasal l-ordni tal-pajpijiet minn barra, id-differenza hija minima għalhekk il-kuntratturi ser jużaw pajpijiet tal-100mm mhux tat-80mm. |
| 19.03.06 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar ilment mis-Sur Kevin Galea dwar dranaġġ li nieżel f'residenza fi Triq San pietru u San Pawl, iżda biex titranġa din il-ħsara irrid jinqala' xi turġien taż-żonqor għalhekk il-kunsill bagħat ir-rapport lil tas-sanita ta lis-Sur Ryan ikkupjat f'din l-imejl, lid-dipartiment tal-WSC u lid-dipartiment tal-heritage lis-Supretendent is-Sur Joseph Magro Conti sabiex jaraw din il-ħsara kif ser titranġa peress li hemm taraġ biż-żonqor. |
| 19.03.07 | Is-Sindku ikkomunika mal- Kunsilliera , li ġie ffirmat kuntratt mal-periti u l-*commitment letter* rigward il-proġett *slow streets* fl-isla. |
| 19.03.08 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li x-xogħol tal-ground beda l-bieraħ 17 t' Awissu 2020 u ser jitkompla sal-aħħar t'Awissu. |
| 19.03.09 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar kif il-lokalita' tal-Isla tista teħles mill-ħamiem. Il-kunsill tal-Isla ġie avviċinat mil-kunsill ta' Bormla fejn persuna avviċinat il-kunsilli ta' Bormla kif ukoll tal-Birgu sabiex issiru trappers fuq il-bjut tal-kunsilli jew residenti bil-permess tagħhom għal-ewwel tmin ġimgħat il-prezz huwa ta' €500 u tieni tmi ġimgħat għall-prezz ta' €350, wara li jinqabdu dawn il-ħamiem din il-persuna toħodhom hi. |

| | |
|---|---|
| 19.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li l-kunsill irċieva proposta sabiex issir roof garden u jekk il-kunsill huwa interessat jista japplika sal-21 t' Awissu 2020. Il-Kunsilliera qablu dar dan sabiex ikollna aktar arja nadifa. |
| 19.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-kuntratt tal-Bulky Refuse lil kunsilliera b'imejl. Il-Kunsilliera qablu ma dan ir-rapport ta' evalwazzjoni fejn is-Sur Jimmy Muscat rebaħ din it-tender għaliex l-offerta tiegħu kienet aktar vantaġjuża minn dik ta DDE Attard Ltd. Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia approva din l-evalwazzjoni u l-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt issekondah. |
| 19.03.12 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat l-kwotazzjonijiet minn għand is-sur Desmond Mizzi sabiex l-appart ta' l-open gym jiġi iggalvanizżat minħabba l-baħar ser jintużaq l-istess biċċiet ta' logħob għal-play area li hemm fejn l-iskola għaliex dawn għadhom tajbin kull ma jridu ftit manutenzjoni u tindifa u jerġgħu jiġu qishom ġodda. Ġie diskuss sabiex il-fanal li hemm bi tnejn fil-pjazza jinqala' u jitpoġġa fl-open gym għaliex m'hemmx dawl biżżejjed u l-kunsill qed jistenna kwotazzjoni tax-xogħol u l-perit biex jara jekk dan jistax issir. Il-Kunsilliera issuġġerixew li minflok issiru bollards issiru tabelli bir-riklami biex jagħlqu l-open gym u jsiru bħala ilqugħ, għalhekk is-segretarju eżekuttiv issuġġerit li tintalab Bye Law għal-reklami u kwotazzjoni ta' dawn it-tip ta' frames minflok bollards. |
| 19.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li ser issir Clean Up Day fid-29 t'Awissu 2020. Il-Kunsilliera qablu ma din il-Clean Up Day. |
| 19.03.14 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-ilment ta' resident li joqgħod fi Triq San Pietru u San Pawl fejn qed jilmenta li l-qlib tal-ilma tax-xita qed immur fuq il-bankina minflokk fit-triq għalekk qed jissuġġerixi li issir trinka taħt il-bankina. Is-Sindku irrispondha li għandu jkellem lil Transport Malta dwar dan. |
| 19.03.15 | Is-sindku ikkomunika mal-kunsilliera sabiex issiru bollards tar-rubber faċċata tal-ħamiem għaliex qed jipparkjaw kif toħroġ mill-mina u hija perikoluża. Il-Kunsillera qablu li għadnhom issiru bollards minn dawn il-ħomor tar-rubber għaliex Transport Malta tati permess għall dawn it-tipi ta' bollards. |
| **19.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 19.4.1 | Is-Sindku / Segretarju Ezekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Guzepp |

| | |
|---|---|
| | Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Il-kuntratt tal-kennies kif qed ikun hawn kennies wieħed biss ?<br><br>Is-Sindku irrispondha li ser niltaqgħu mal-kuntratturi sabiex naraw x' qed jiġri u li f'dawn il-ħmistax li beda l-kuntrattur, il-kunsill mhux kuntent bl-indafa.<br><br>Il-Kunsill jista jagħmel tabelli li ma jistax issir logħob bir-roti, ballun u skateboard fuq il-bankini tax-xatt minn 12 il-sena il-fuq.<br><br>Is-Sindku ser jiċċekja ma Transport Malta.<br><br>Il-Kunsill jista' jgħid lil kuntrattur tal-Mixed House Hold Waste sabiex il-boroż tal-iskart fi Triq iż-Żewġ Mini k/m Triq San Ġiljan jinġabru fi Triq il-Miġja tal-Papa. Is-Segretarju Eżekuttiv irrispondiet li ser tkellem lil kuntrattur. |
| **19.5** | **Rapporti** |
| **19.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet rapport tat-tieni kwart ( Jannar – Ġunju 2020 ) u bagħtet dan ir-rapport lil kunsilliera permezz ta' imejl fejn spjegat li għalkemm ir-rapport jidher li l-bilanċ huwa tajjeb ta 68% mill-allokazzjoni tal-gvern il-kunsill xorta waħda jrid joqgħod attent fl-infieq peress li aktar il-quddiem ġejjien aktar spejjeż tal-proġetti bħal dak ta' l-open gym, play area u pjazza 4 ta' Settembru u ser issiru aktar manutenzjonijiet, tabelli meħtieġa u humps.  Il-Viċi Sindku s-Sur Anthony Bonavia approva r-rapport tat-tieni kwart u s-Sinj. Corinne Buhagiar isekkondat. |
| **19.5.2** | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order u Petty Cash* għax-xahar ta' Lulju 2020  fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **19.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 19.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 8/ 2020 għall-approvazzjoni. |
| 19.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsilliera is-Sur Malcolm Gatt  issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |

| **19.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
|---|---|
| 19.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:00p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru 2020 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum 15 ta' Settembru 2020

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv